għal Malta u għal Għawdex. Il-Madonna ma trid lil ħadd u lil ħadd li jintilef jaħasra, ara kemm ma trid lil ħadd li jintilef il-Madonna u qaltli, "jekk inti tobdini u tagħmel dak li qed ngħidlek," qaltli, "kważi l-Girgenti ħa jkun sar kollox.""

Ġuża kompliet tgħid: "Issa qabel ma inbierku l-ilma, dana ilma li messitu l-Madonna. Dak l-ilma ħa jkun qaddis, toħduhomx biċ-ċajt l-affarijiet, ħuduhom bis-serjeta. Issa jiena ħa nitlob lill-Madonna... Madonna flimkien mal-morda bierek, qaddes dan l-ilma. Madonna agħmel affarijiet sbieħ u divini milli għandek fis-sema biex dan l-ilma kull min jużah għal xi bżonn, mard, problemi, affarijiet oħra, agħtihom dak kollu illi għandhom bżonn rigward tal-fejqan...

Ħa ngħidilkom ħuti fil-Mulej, ħa ngħidilkom ħuti fil-Madonna, dana l-ilma il-Madonna ħa ttijhulna ilma qaddis, dana l-ilma il-Madonna ħa ttijhulna biex isiru ħafna affarijiet spiritwali u temporali kemm fil-gżejjer tagħna u kemm il-barra mill-gżejjer tagħna, imma jiena nixtieqkom ħafna biex ikollna ftit edukazzjoni, illi l-affarijiet nużawhom sew hu.

Issa jiena ħa ngħidilkom hekk, dana l-ħawt ta' l-ilma għandna nżommuh nadif kemm nistgħu, dan il-ħawt. Dan il-ħawt iridu jixxarbu l-idejn biex nagħmlu xi sinjali fuq ġisimna speċjalment, ma nieħdux għalina, speċjalment dawk li huma bogħod minn Alla, nitolbu lil Alla biex meta jmissu dak l-ilma imissu l-grazzja t'Alla b'idejhom...

Madonna għan-nom ta' dawn ħuti li qegħdin madwarek, qegħdin jisimgħu dan is-sinjal taċ-ċarċir sabiħ ta' dan l-ilma, Madonna agħmel li l-Mulej iqaddsu, Ġesu jbierku, l-Ispirtu s-Santu jitfa' d-doni tal-grazzja tiegħu kollha fuq dan l-ilma biex kulmin jixrob minn dan l-ilma ikollu l-fejqan.

Fejqan ħa jkollu żgur tar-ruħ u tal-ġisem dak ħa nħallih f'idejn il-Madonna. Imma l-Madonna qaltli, "ħa jfiqu ħafna erwieħ fir-ruħ li jiġu hawn billejl, ma jarhom ħadd, jixorbu mill-ilma u jaraw il-grazzja t'Alla."

Issa jiena ħa nixħet l-ilma li tatni l-Madonna fil-vaska. (ċapċip)." Dan kien ilma li Ġuża ġabet magħha fi flixkun mid-dar. Skond hi dan l-ilma kienet messitu l-Madonna.

Imbagħad Mons. Buontempo bierek l-ilma: "Fl-isem tal-Missier... Bierek Mulej dan l-ilma biex kullmin jużah, jixrob minnu jew iqiegħed fuq ġismu dan l-ilma bl-interċessjoni ta' Ommok u ta' Ommna Marija ikollu l-fejqan fir-ruħ u fil-ġisem skond ir-rieda mqaddsa tiegħek biex kulmin jużah b'fidi fik u b'fiduċja fil-Madonna iħoss is-serħan ta' qalbu. Kun inti Mulej il-qawwa u l-forza li tant erwieħ fiduċjużi fik, jersqu hawnhekk biex fi ħdan ommok u ommna Marija jużaw tajjeb u b'fidi dan l-ilma illi issa inti qiegħed tbierek u tqaddes bil-grazzja tiegħek. Fl-isem tal-Missier..."



Matul iż-żmien kienu diversi l-grazzji li ġew irraportati li nqalgħu bis-saħħa ta' dan l-ilma. Hawnhekk ser nirriproduċi uħud minnhom:

**Kellu deni għoli**

V. Scicluna kienet kitbitilna hekk: "It-tifel tiegħi, ġuvni ta' tmintax-il sena, kien ilu ħmistax-il ġurnata bid-deni, temperature ta' 103F., griżmejħ minfuħin u juġgħuh ħafna.

Daħal l-isptar San Luqa fil-25 ta' Marzu 1990. Intefħulu l-fwied u l-milsa; il-glandoli kienu minfuħin kollha. It-tobba ma kinux jafu x'għandu. Qalu li kien xi "virus", imma ma qablux bejniethom. Għamlulu ħafna testijiet tad-demm. Imma kollox irriżulta negattiv. Jiena ommu, meta rajt it-tifel tiegħi mitluq, b'ħafna deni, għajjien, ma jiekol xejn u ma jistax jitkellem, iġġennint.

Fis-6 ta' April tlajt il-Girgenti, tlabt ħafna 'l Madonna. Ma tantx kont nemmen f'dak li ġara hemmhekk. Lil Ġuza Mifsud ma kontx nemminha wisq. Kienet il-festa tad-Duluri. Ġbart ftit fjuri tal-fidloqqom minn hemmhekk u mlejt flixkun ilma mill-vaska ta' ħdejn l-istatwa tal-Madonna. L-ilma ma tantx kien iħajrek. Pero ġol-flixkun l-ilma kien ċar, b'togħma tajba ħafna u ħafif, għax xrobt minnu jien ukoll.

Lill-Madonna jiena tlabtha b'fidi kbira, bkejt, għidt ir-rużarju. Kien għall-ħabta ta' nofsinhar. Ħassejt li l-Madonna biss setgħet tfejjaq lit-tifel. Jien wegħdtha li nirrakkonta kollox lil Ġuża biex in-nies temmen, kemm-il darba t-tifel ifiq.

Għallejtlu ftit fidloqqom f'dak l-ilma. Tajtu jixrob il-kumplament ta' l-ilma li kien fadal għal tlett ijiem. It-tifel għall-ewwel kien jidher ħażin. Pero, l-ewwel lejl qala ftit katarru u xi ħaġa safra. Wara jumejn id-deni beda jinżel u griżmejh ifiqu. Wara ħamest ijiem beda jfiq għal kollox.

Il-Professur qallu, "Il-Bambin fejqek. Aħna ma għamilna xejn. Anqas konna nafu x'għandek." Illum it-tifel jinsab tajjeb ħafna, qisu qatt ma kellu xejn. Ta' dan kollu għandi ħafna xhieda."

**It-Tifel kien f'Koma**

Devota oħra tal-Madonna kitbet hekk: Kien id-29 ta' Lulju 1999 meta ghal habta ta' l-4.30pm ibni z-zghir kellu disgrazzja kerha hafna. Il-kustilji ghafsu fuq il-pulmun u skond il-professur huma ma setghu jaghmlu xejn. Il-professur beza' hafna li t-tifel taqbdu xi infezzjoni u gara li wara gimgha b'deni qawwi, it-tifel qabditu din l-infezzjoni. Ittakkatlu l-kliewi b'deni qawwi hafna u t-tifel seta' jitlaq f'kull mument. Kienu ghaddew seba' gimghat u t-tifel baqa jilghaba mal-mewt.

Habib tal-familja gie jara lit-tifel u qata qalbu li jghaddilu. Kienet il-gurnata tat-



Tnejn meta gie jarah u tani santa tal-Madonna tal-Girgenti. Qalli biex nitlob bil-qalb u mmur naghmel ir-ritratt tat-tifel fil-vaska ta' l-ilma li hemm fil-Girgenti. L-ghada t-Tlieta mort nizzilt ir-ritratt tat-tifel fil-vaska u tlabt lill-Madonna biex tinghamel mit-tifel il-volonta t'Alla. Rajt wicc il-Madonna veru sabih u sthajjiltha tfarragni hafna. Tlaqt minn hemm b'certu serhan tal-qalb. Dak in-nhar il-Professur kien qalilna li t-tifel ghadu fi stat kritiku hafna.

Sebah l-Erbgha u morna naraw lit-tifel bhas-soltu. Madwar is-sodda kien hemm hafna nurses. Dak il-hin hsibt li t-tifel kien lest izda meta rani l-N.O. tan-nurses ghajjatli u qalli biex nersaq halli nkellem lit-tifel. Meta smajt lehnu qalbi waqfet u bdejt nibki bil-ferh. Aktar tard sirt naf li l-ghada li mort npoggi r-ritratt tieghu fil-vaska tal-Girgenti, jigifieri l-Erbgha fis-7.00a.m., it-tifel kellem lin-nurses u kulhadd qal li kien veru "miraklu".

Peress li dam seba' gimghat ma jitharrek, il-muskoli ta' saqajh marrulu ghal kollox. Il-Professsur Zammit Maempel qalli li aktarx ma kienx ser jimxi izjed. Ergajt tlabt lil-Madonna tal-Girgenti u lil Guza Mifsud biex tidhol ghalih hi. Tawni ftit ilma minn tal-Madonna tal-Girgenti u hsiltlu saqajh bih. Miraklu iehor ghax l-ghada beda jharrek saqajh. Il-professur baqa skantat. Ammetta li kien miraklu iehor u hu stess qalli li l-ebda medicina kirurga ma setghet tfejqu.

Illum (13/09/1999) ma nistax nghid li t-tifel hu perfett, pero jista' jirraguna, jaghmel l-affarijiet tieghu wahdu, jitla' u jinzel it-tarag u anki johrog jippassigga ftit maghna."

**Kellha Problema f'Għajnejha**

Persuna oħra mill-Ħamrun kitbet illi: Kien it-28 ta' Ġunju 2000, meta qomt b'għajni mdemma u għalhekk għamilt appuntament għand speċjalista ta' l-għajnejn. Dan invistani fl-4 ta' Lulju fejn għarrafni li kienet inqatatli vina minn għajni. Ried jarani l-isptar biex jagħmilli xi testijiet fejn irriżulta li d-dema waqatli fuq il-ħabba t'għajni. Għarrafni li laser ma setax jagħmilli u għamluli appuntament ieħor ma speċjalista Amerikan fuq ir-retina ta' l-għajn. Dan qalli li hemm bżonn ta' operazzjoni għaliex għajni kienet imxaqqa u jipprova jsalvali din għaliex jaf jiġrili l-istess fl-għajn l-oħra. Id-deċiżjoni jekk kellhiex issir operazzjoni jew le kellha tiġi diskussa ma' Professur ieħor u għalhekk kelli nerġa' mmur l-isptar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2000 biex jerġgħu jinvistawni.

Sa dan it-tant jien bqajt nitlob lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u kollega tiegħi tax-xogħol ġabli l-ilma mill-Girgenti biex jiena nxarrab għajnejja bih. Il-Ħadd 16 ta' Lulju, jiena tlaqt lejn il-Girgenti, it-triq ma stajtx insibha iżda jiena tlabtha lill-Madonna biex turini t-triq għaliex jiena dik il-lejla għandha ridt immur. It-triq ma



domtx ma sibtha u hekk kif inżilt mill-karozza smajt il-ġemgħa li kien hemm miġbura fis-Santwarju trodd is-salib u bdejt ngħid ir-rużarju magħhom. Lill-Madonna tlabtha biex tiskansani mill-operazzjoni. Wara li għedna r-rużarju bqajt nitlob waħdi. Ma kontx għadni fiqt iżda l-paċi li kien hemm fija m'hemmx kliem biex infissirha u ma stajtx nieqaf nitlob. Waqaft għaliex kien qed jidlam u peress li ma kontx qegħda nara minn għajn waħda ridt nirritorna d-dar qabel ma jidlam għaliex kelli nsuq.

Kien sewwa sew it-Tnejn 17 ta' Lulju 2000 meta filgħaxija qabel ma tlajt norqod bdejt ngħid ir-rużarju, u wara l-ewwel posta għamilt ftit ilma fuq il-kappell ta' għajni. F'daqqa waħda qabadni ħruq kbir u bejni u bejn ruħi jien għidt, 'Dan kif qegħda taħraqni għajni. Dan ilma mirakoluż tal-Madonna. Ġid biss jista' jagħmilli mhux deni.' Meta jiena naħsel wiċċi bl-ilma tal-vit xejn ma nħoss. Komplejt ngħid ir-rużarju u lanqas ilħaqt temmejt l-Ave Marija li kien imiss meta l-ħruq waqaf f'daqqa. Jien komplejt nitlob.

L-għada filgħodu kien imissni mmur l-isptar biex jiġi deċiż jekk l-operazzjoni kinetx ser issir jew le minħabba li kellha tkun operazzjoni perikoluża u b'kumplikazzjonijiet.

It-Tlieta 18 ta' Lulju 2000 jiena mort l-isptar. Staqsewni jekk il-vista tiegħi kinitx ftit aħjar. Jiena ħassejtni li bdejt nara u hekk għidt, iżda l-Professur ried jinvistani mill-ġdid. Qalli li d-demgħa kienet imxiet minn fuq il-ħabba għall-ġenb ta' għajni u qalli, "Għajnek qegħda tfieq waħedha." Kelli ngħaddi għand it-tieni speċjalista barrani (speċjalista fuq il-ħabba ta' l-għajn). Dan invistani bl-apparat li ġab miegħu mill-Amerka u qalli dan il-kliem, "*I am glad for you. Your eye has healed. God bless you.*"

**Fejqan fiżiku u spiritwali**

Rapport ieħor jgħid hekk: Waqt li kont f'ħanut mal-mara, ġietni x-xewqa biex l-għada l-Ħadd, immorru sal-Girgenti għax qatt ma konna morna. Kif sebaħ il-Ħadd, 8 ta' Settembru, kelli laptu ma ġenbi u ftakart li kien jum il-*birthday* tal-Madonna. Qbadt il-laptu f'idi u għidtilha, "*Happy Birthday,* Marija". Ftit wara mort għand ommi mal-mara u staqsejtha jekk tafx fejn hi l-Madonna tal-Girgenti. Ma kinitx taf għax kien ilha li marret.

Jiena tant kont determinat li rrid immur li tlabt lill-Madonna sabiex tirkeb magħna fil-karozza u twassalna sal-post. Il-Madonna tassew rikbet magħna, għax għalkemm it-triq ma kontx nafha, xorta sibtha mill-ewwel. Wasalna hemmhekk u għidna r-rużarju. Minn dakinhar bqajt ngħid ir-rużarju kuljum. Kelli santa ta' Ġuża Mifsud u kont ngħid it-talba li hemm fuqha. Darba oħra kien il-Ġimgħa, erġajt mort il-Girgenti waħdi. Kelli uġigħ kbir ġo rasi. Kont ilni bih sa minn qabel ma tlajt l-ewwel darba

l-Girgenti. Kif kont hemm għidt ir-rużarju waħdi u wara ersaqt lejn il-Madonna u għidtilha, "Ommi Marija, inti taf kemm għandi uġigħ ġo rasi, jekk hu mn'Alla li nibqa' b'dan l-uġigħ kuntent nibqa' bih għax jien meta jkolli bżonn nersaq u meta ma jkollix bżonn malajr inrabbi l-ġwienaħ." Daħħalt idi ġol-vaska, xarrabt moħħi u għidtilha, "Għamel minni dak li trid." Jumejn wara tatni weġgħa kbira u rasi ma baqgħetx tuġgħani aktar.

Sadanittant bqajt immur il-Girgenti regolari u ngħid ir-rużarju. Darba minnhom xtrajt ktieb ta' Ġuża Mifsud fejn hija bdiet titkellem fuq l-importanza tal-konsagrazzjoni. Jiena hassejt li kienet tkun ta' ġid kbir għalija u għal familja tiegħi kollha li nikkonsagraw. Għalhekk urejt ix-xewqa tiegħi lill-Kappillan u huwa ġie u għamlilna l-Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesu u l-Qalb ta' Marija ġewwa d-dar tagħna."

**Għeluq**

Inżommu saqajna ma' l-art. Fl-ilma ma hemm xejn maġiku. Huwa l-fidi tagħna f'Alla li trid taħdem. Iżda jekk il-Madonna qed toffrilna dan iċ-ċans, għalfejn b'fidi kbira ma' nieħduhx? Għalfejn noqogħdu lura milli nfittxu serħan għall-problemi li nħabbtu wiċċna magħhom?

**Sylvana Spiteri LL.D**

## AVVIŻ IMPORTANTI – IT-3 TA' MEJJU 2009

Il-Ħadd 3 ta' Mejju 2009 jaħbat it-tlieta u għoxrin anniversarju minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Hija ħaġa sabiħa li niddedikaw dik il-lejla lil Ommna Marija. Inħeġġiġkom tattendu sabiex nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lil Alla flimkien. Ma nfittxux lil Alla u lill-Madonna biss meta għandna bżonnhom biex jaqgħalulna l-grazzji li għandna bżonn. Ejjew nirringrazzjawhom ukoll ta' dak li tawna sa issa u għad iridu jagħtuna!

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## GRAZZJI MAQLUGħA

**M.R. Aquilina mill-Għargħur** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.

**N. Fabri minn Birkirkara** jiddikjara illi "wara li għamilt xi testijiet tad-demm tal-fwied u ġie għoli ħafna jiena tlabt ħafna lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u wara li erġajt għamilt testijiet oħra u wara li rani l-professur instab li m'għandi xejn serju."

**V. Grixti minn Birzebbugia** kitbet hekk: Ftit taż-żmien ilu smajt li persuna li kont naf kienet se ssirilha operazzjoni malajr għax bdew jissusspettaw li kellha xi ħaġa serja. Tlabt lill-Madonna tal-Girgenti li jekk ir-riżultat ikun tajjeb inxandar il-grazzja fil-fuljett. L-operazzjoni saret u r-riżultat tat-testijiet ħareġ ukoll. Ma kien hemm xejn serju milli kienu ħasbu. Għalhekk minn qalbi nirringrazzja lill-Madonna li għal darba oħra semgħet it-talb tagħna.

**F. Agius minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għal grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna taħt it-titoli tal-Girgenti u tal-Karmnu u ta' Santa Rita. Hija tgħid li t-tifel tagħha, miżżewweġ u b'familja ta' erbgħa spiċċa mix-xogħol. Hi talbet ħafna u fil-ġurnata ta' l-Erbgħa il-Madonna sabitlu x-xogħol. Tatu labtu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex iżommu dejjem miegħu.

**S. Borg minn San Gwann** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. Titlob lill-Madonna żżomm idejha fuq it-tfal tagħha.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*



## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' April 2009 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Mejju 2009 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ġunju 2009 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Lulju 2009 fis-6.30p.m.

   **Il-laqgħa tat-3 ta' Mejju 2009 li taħbat f'għeluq it-23 sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.**

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 78 APRIL 2009 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Ġuża Mifsud tferra l-ilma fil-ħawt waqt il-laqgħa tat-8 ta' Mejju 1988. Wara l-ilma tbierek minn Monsinjur Amante Buontempo**

## L-ILMA TAL-GIRGENTI

Il-laqgħa tat-8 ta' Mejju 1988 żgur li tibqa' mfakkra għal-ħoss ħelu ta' l-ilma li beda jċarċar mill-ħawt u mill-miżieb li kien għadhom kemm tpoġġew fejn l-istatwa tal-Madonna. Ġuża spjegat li fis-7 ta' April 1988, il-Madonna kienet qaltilha:

""Binti hemmhekk jiena rrid ftit ilma." Għidtilha, "Madonna jien dan l-ilma kif ħa nagħmlu?" Hija tatni id-direzzjonijiet kollha, il-Madonna, u qaltli, "xejn tara bi kbir. Saru ħafna affarijiet." ...Nifirħulha lill-Madonna (ċapċip) kemm qed tagħmel